MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 890/2000/1

**Joseph M. Zahra u Bernard Zahra**

**vs**

**Alfred Grixti**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-atturi ppremettew:

Illi f'artikolu ppubblikat f' pagna 12 ta' "The Malta Independent" intitolat 'Jailbirds' tat-28 ta' April, 2000, (Dok A) - ta' liema pubblikazzjoni l-konvenut huwa l-awtur - gew attribwiti fatti determinati foloz u malafamanti fil-konfront

tal-atturi bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama taghhom u li jesponuhom ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku;

Illi l-atturi bhala l-parti malafamati u offizi ghandhom d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Art. 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex:-

1. m'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-pubblikazzjoni suriferita (Dok. "A") hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' kull wiehed mill-atturi u li tesponihom ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku.

u

2. m' ghandux jigi kkundannat minn dina l-Qorti jhallas lill kull wiehed mill-atturi dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f'ammont li ma jeccedix hamest elef lira maltin (Lm5000) bhala danni ghall-malafama b' applikazzjoni tal-Art 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ukoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghhhom.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

1. Illi ma hemm xejn malafamanti fil-konfront tal-atturi fil-pubblikazzjoni in kwistjoni.

2. Illi l-fatt allegat hu privileggjat billi jirrizulta minn diskors parlamentari kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Illi l-kitba tammonta ghall-fair comment u espressjoni ta' opinjoni kemm taht il-ligi tal-Istampa kif ukoll taht il-Konvenzjoni Ewropea.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Senghet lill-atturi u x-xhud minnhom prodott.

Semghet lill-konvenut u x-xhud minnu prodott.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-atturi.

Rat l-atti l-ohra kollha u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawza giet differita sabiex tinghata s-sentenza.

Ikkonsidrat:

L-atturi jaghmlu referenza ghal artikolu, miktub mill-konvenut, bit-titolu ‘Jailbirds’ li deher f’pagna 12 tal-gurnal “The Malta Independent” tat-28 ta’ April, 2000. L-atturi jsostnu li fl-imsemmi artikolu l-konvenut attribwilhom fatti determinati, li huma foloz u li huma malafamanti fil-konfront taghhom u li jesponuhom ghar-redikolu jew ghad-disprezz tal-pubbliku. L-atturi qed jitolbu li l-imsemmi artikolu jigi dikjarat li hu libelluz u malafamanti fil-konfront taghhom. Qed jitolbu ukoll li l-konvenut jigi kundannat ihallas lill atturi d-danni ghall-malafama u dan ai termini tal-artikolu 28 tal-Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ l-Ligi tal-Istampa.

Fid-dikjarazzjoni taghhom l-atturi specifikaw li huma qed joggezzjonaw b’mod partikolari ghall-paragrafu tal-imsemmi artikolu li jghid testwalment - “For directly responsible for security is the son of the editor of In-Nazzjon not only is it possible to guess how the Nationalist daily got hold of this confidential information in order to divert attention from the escape but also …….”. L-atturi kkonfermaw li, fiz-zmien in kwestjoni, l-attur Joseph Zahra kien l-editur tal-gurnal ‘In-Nazzjon’ u ibnu l-attur l-iehor Bernard Zahra kien surgent inkarigat mis-sigurta’ tal-habs.

Il-konvenut qed jeccepixxi li l-artikolu in kwestjoni mhux malafamanti fil-konfront tal-atturi u li l-kontenut tal-istess

artikolu hu privileggjat peress li ntqal f'diskors parlamentari. Jeccepixxi inoltre li l-kitba in kwestjoni hi "fair comment" u hi espressjoni ta' opinjoni li hi accettabli.

Fl-artikolu in kwestjoni l-konvenut jaghmel referenza ghall-fatt ta' kronaka li kien sehh f'dawk il-granet u cioe' li xi prigunieri kienu harbu mill-habs u kienu damu hekk mahrubin ghal xi granet. Fl-istess artikolu l-konvenut jirreferi ghal storja li deheret f'harga partikolari tal-gurnal "In-Nazzjon" li hu l-organu tal-Partit Nazzjonalista li, fiz-zmien in kwestjoni, kien qieghed fil-Gvern. Din l-istorja kienet tirrigwarda l-fatt li membru parlamentari tal-Partit Laburista kien ghamel talba sabiex persuna li kienet qed tinzamm bhala prigunier fil-habs tinghata "supervised day-time leave" mill-habs u dana fl-ahhar tlett xhur tal-prigunerija tieghu. In effett ir-regolamenti tal-Habs jipprovdu li prigunier, fl-ahhar tlett xhur tal-prigunerija tieghu, jista jinghata tali "leave" u dana sabiex tigi facilitata r-reintegrazzjoni tieghu fis-socjeta. Il-konvenut jikteb li din l-istorja twasslet ("leaked") ghand l-imsemmi gurnal bl-iskop li tnessi lin-nies mill-fatt li kienet sehhet l-imsemmija harba. Fil-paragrafu, li ghalih qed joggezzjonaw l-atturi, il-konvenut jghid li din l-infomazzjoni konfidenzjali setghet titwassal ("leaked") lill-imsemmi gurnal biss mill-awtoritajiet tal-Habs li in effett lilhom saret l-imsemmija talba. Dejjem skond il-konvenut dan kollu jwassal ghat-"twist" finali ta' din l-istorja u hawnhekk il-konvenut ifakkar dak li in effett intqal fil-parlament u cioe' li s-surgent direttament responsabbli ghas-sigurta' fil-habs jigi bin l-editur tal-imsemmi gurnal "In-Nazzjon" u konsegwentement wiehed jista jasal biex jindovna kif In-Nazzjon gabet l-imsemmija informazzjoni konfidenzjali.

Hu minnu li l-konvenut ma jsemmix b'isimhom lill-atturi, pero' l-istess atturi huma facilment identifikabbli. Ma hemmx dubju li r-referenza hi ghall-atturi li kif gia rilevat kienu rispettivament editur tal-gurnal "In-Nazzjon" u surgent inkarikat mis-sigurta' fil-habs. Il-konvenut, ghalhekk, jimplika b'mod dirett li informazzjoni, li kienet riservata u konfidenzjali, twasslet b'mod irregolari mill-imsemmi surgent inkarikat mis-sigurta fil-habs lill-gurnal "In-Nazzjon". Jigi puntwalizzat ghal darba ohra li l-attur

Bernard Zahra hu bin l-attur l-iehor Joseph M. Zahra. Il-konvenut jimplika ukoll li l-atturi rispettivament hadu vantagg mill-parentela li hemm bejnithom sabiex l-istess informazzjoni konfidenzjali titwassal ghand l-imsemmi gurnal.

Il-qarrej tal-artikolu tal-konvenut jifhem u jasal ghal konkluzjoni li informazzjoni konfidenzjali nghatat mill-attur Bernard Zahra lill-missieru, l-attur l-iehor Joseph Zahra. L-implikazzjoni hi li l-attur Bernard Zahra naqas mill-obbligi tieghu, bhala l-persuna inkarikata mis-sigurta’ fil-habs, meta svela informazzjoni riservata bil-ghan li, bil-komplicita’ tal-attur l-iehor, tali informazzjoni riservata titwassal lill-pubbliku. Jirrizulta li dawn l-allegazzjonijiet huma diffamatorji fil-konfront tal-atturi.

Effettivament l-atturi cahdu b’mod kategoriku dawn l-allegazzjonijiet. Inoltre l-attur Bernard Zahra kkonferma li huwa ma kellu x’jaqsam xejn mal-imsemmija talba sabiex jinghata “pre-release leave” lill prigunier partikolari. Jirrizulta ukoll li l-artikolu li deher fil-harga tal-gurnal “In-Nazzjon” inkiteb mill-gurnalista Joe Mocallef, li xehed f’dawn il-proceduri u qal li ma kinux l-atturi li tawh l-informazzjoni sabiex seta kiteb l-istess artikolu. Skond dan ix-xhud l-informazzjoni relattiva giet minn sorsi ohrajn.

Meta l-konvenut xehed fil-presenti proceduri huwa qal li kiteb l-artikolu in kwestjoni in vista tal-kontroversja politika rigwrdanti harbiet ripetuti mill-facilita' korrettiva ta' Kordin. Qal ukoll li fl-istess artikolu huwa ghamel referenza u rrepeta dak li kien intqal fil-parlament dwar din il-kontroversja. In effett jirrizulta li hu minnu li l-konvenut f’parti mill-artikolu in kwestjoni, liema parti tinsab fil-paragrafu lamentat mill-atturi, rrepeta kliem li kien intqal fil-parlament. Il-konvenut stess, pero’, ikkonferma li fl-istess artikolu hemm ukoll kummenti tieghu bbazati fuq dak li kien intqal fil-Parlament. Li hu zgur hu li l-artikolu in kwestjoni ma jista qatt jitqies li hu semplici rapport ta’ dak li kien sehh u li kien intqal f’xi seduta partikolari tal-parlament.

Fid-dawl ta' dak kollu li gie premess u mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur Bernard Zahra ma harigx informazzjoni konfidenzjali u li l-attur Joseph Zahra ma kienx attivament involut fil-hrug tal-istess informazzjoni lill-pubbliku in generali. Kwindi l-allegazzjonijiet li ghamel il-konvenut fl-artikolu in kwestjoni ghandhom jitqiesu li huma infondati u inveritjeri

Fit-tieni eccezzjoni tieghu l-konvenut jissottometti li l-kontenut tal-artikolu in kwestjoni hu privileggjat peress li l-istess informazzjoni nghatat fil-parlament. L-artikolu 33(c) tal-imsemmi Kapitolu 248 jipprovdi li rapporti fidili ta' dak li jintqal fil-parlament huma privileggjati sakhemm tigi pubblikata l-parti rilevanti tad-dibattiment u sakhemm b'xi mod ma tithalllix barra d-difiza tal-persuna li tkun giet attakkata. L-artikolu in kwestjoni zgur li mhux rapport fidil ta' dak li intqal fil-parlament u inoltre l-istess artikolu fih kummenti tal-istess konvenut. Ghalhekk din id-difiza tal-konvenut, fis-sens li l-kontenut tal-artikolu hu privileggjat, mhux sostenibbli. Din l-eccezzjoni ghalhekk timmerita li tigi rigettata.

F'kawzi bhal presenti, u cioe' f'kawzi ta' libell, hemm bilanc li ghandu jinzamm bejn id-dritt, f'socjeta demokratika, li wiehed jghid u jesprimi ruhhu u jsemma l-opinjoni tieghu bl-aktar mod liberu u bejn id-dritt ta kull cittadin li jgawdi r-reputazzjoni u l-isem tajjeb tieghu u dan dejjem fl-isfond ta' socjeta demokratika. Dan gie diversi drabi ritenut mill-Qrati taghna. (Ara Vincent Borg vs Victor Camilleri – Qorti tal-Appell Civili – 15 ta' Novembru 1994). Kullhadd ghandu jkollu l-liberta' li jghid dak li jhoss li ghndu jghid, pero' tali liberta' m'ghandha qatt twassal ghat-tnaqqis tar-reputazzjoni u tal-gieh ta' cittadini ohrajn l-aktar jekk jigu attribwiti atti li mhux veri. Appuntu gie ukoll ritenut li l-liberta' tal-espressjoni taqbez il-konfini ta dak li hu ragjonevoli u minflok issir ksur tad-drittijet ta' haddiehor appuntu fejn l-espressjoni tkun ibbazata fuq fatti mhux veri. (Ara Onor. Charles Buhagiar vs Ray Bugeja – Prim'Awla – 19 ta' Jannar 1966).

Hawnhekk trid ukoll issir distinzjoni bejn "allegazzjoni ta' fatt" u "kumment". Meta ssir difiza li tirreferi ghal verita' tal-

fatti, l-fatt ghandu jigi pruvat. Meta issir difiza dwar kumment gust ghandha ssir il-prova li dak il-kumment hu appuntu gust u mghamul in bona fede. Tali kumment ma jista qatt jkun gust u in bona fede jekk il-fatti attribwiti ma jkunux veri. (Ara sentenza “Mons. A. Gauci vs Michael Schiavone et” deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta’ Novembru 1995).

Ghalhekk l-artikolu in kwestjoni zgur li ma jistax jitqies bhala kumment gust u mgjamul in bona fede b’mod partikolari peress li hu bbazat fuq fatti li mhumiex minnhom u mhux veri. Minhabba f’hekk lanqas ma jista jinghad li l-artiklou in kwestjoni hu espressjoni ta’ opinjoni jew li jikonsisti f’rappurtagg gurnalistiku dwar kwestjonijiet ta’ interess pubbliku u li huma accettabbli f’socjeta demokratika.

Ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ma jistghu qatt jigu akkolti.

Mill-banda l-ohra jirrizulta sufficjentement pruvat li l-artikolu in kwestjoni hu libelluz u malfamanti fil-konfront tal-atturi u ghalhekk it-talbiet kollha tal-atturi jimmeritaw li jigu akkolti.

In vista ta’ dak kollu li gie premess, in vista tac-cirkostanzi specjali tal-kaz u tar-rizultanzi l-ammont tad-danni li ghandu jigi likwidat hu fis-somma ta’ elf u mitejn euro (€1200) ghar-rigward ta’ kull wiehed mill-atturi.

Ghal dawn il-motivi kollha :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet kollha attrici u tiddkjara li l-artikolu in kwestjoni hu libelluz u malfamanti fil-konfront ta' kull wiehed mill-atturi u ljesponihom ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku u tikkundanna lil-konvenut ihallas lill kull wiehed mill-atturi s-somma ta elf u mitejn euro (€1200) bhala danni ghall-malafama b' applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Ligi tal-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Spejjez kollha kontra l-konvenut u bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------